MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 12/1992/1

**Joseph Said**

**vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikorsipprezentat minn Joseph Said fit-8 ta' Jannar 1992 li fih gie mfisser is-segwenti:-

Illi huwa xtara tnejn u ghoxrin (22) *assorted kiddy ride machines* mill-Ingilterra.

Illi dawn il-*kiddy ride machines* waslu Malta f'April 1991.

Illi r-rikorrenti qabbad lill-burdnar tieghu jaghmel id-debita *entry* u wara li l-esponenti hallas id-dazju relattiv gie moghti l-gurnata ghar-*release* ta' l-imsemmija merkanzija.

Illi f'din il-gurnata r-rikorrenti mar fil-*bond* fejn kien hemm din il-merkanzija u meta gie muri x-xoghol, allavolja kien ghadu ppakkjat, r-rikorrenti rrimarka lill-persuni nkarigati li ma kenitx il-konsenja tieghu, dan peress li mill-*packing* innifsu deher bic-car illi salv ghal xi zewg *items*, l-oggetti ma setghux ikunu dawk l-oggetti li xtara.

Illi r-rikorrenti insista illi galadarba l-merkanzija ma kenitx tieghu, hu ma riedx jirrilaxxjaha u nforma b'dan kollu lill-Kontrollur tad-Dwana.

Illi l-ufficjal tad-Dwana ssuggerilu li jikteb ittra fejn jispjega kulma gara u fil-fatt s-socjeta` nkarigata mir-rikorrenti sabiex iggorr din il-merkanzija mill-Ingilterra ghal Malta (Concorde Shipping Limited) kitbet din l-ittra u fiha tablet permess sabiex il-merkanzija tintbaghat lura lis-*supplier*.

Illi fil-fatt dakinhar stess ukoll, ir-rikorrenti cempel lis-*supplier* u nfurmah b'kulma gara. Is-*supplier* ammetta l-izball tieghu u li l-oggetti jigu ritornati bil-mod kif gew.

Illi sadanittant l-awtoritajiet Inglizi nvestigaw il-kaz u vverifikaw li kien hemm zball.

Illi r-rikorrenti gie ripetutament imwieghed mill-awtoritajiet lokali li dawk l-oggetti li setghu jigu mpurtati se jithallew jidhlu u l-kumplament jintbaghtu lura.

Illi sussegwentement il-Kontrollur tad-Dwana bidel fehmtu u l-anqas biss ried jirrilaxxja l-oggetti li setghu jidhlu Malta bil-licenzja li kellu l-esponenti, u dan *nonostante* l-fatt li terzi persuni nghataw permess sabiex idahhlu oggetti identici b'licenzja identika ghal dik tar-rikorrenti.

Illi r-rikorrenti mbaghad ircieva Nota ta' Qbid Numru 40/91, hawn annessa bhala Dokument "A", riferibbilment ghall-oggetti kollha fuq imsemmija li fil-fatt ingiebu Malta.

Illi r-rikorrenti permezz ta' ittra lill-Kontrollur tad-Dwana datata 9 ta' Dicembru 1991, (Dokumenti "B", "C", "D" u "E") ta' debitu avviz lill-Kontrollur tad-Dwana li huwa kien bi hsiebu jitlob l-oggetti msemmija fl-istess Nota ta' Qbid.

Illi fil-fatt ir-rikorrenti huwa nteressat li jiehu dawk l-oggetti li jisghtu jidhlu, li jintbaghtu lura l-oggetti li ma jistghux jidhlu Malta, li jigi ritornat lilu d-dazju li hallas fuq l-oggetti li ma jinghatawlux u li jigi kkompensat ghad-danni li sofra, u dan peress illi r-rikorrenti sofra danni minhabba l-agir imsemmi ta' l-intimat.

Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza r-rikorrenti ma kellu ebda tort f'dak li gara, sempliciment is-*supplier* tieghu baghatlu merkanzija zbaljata u l-esponenti mill-ewwel kif raha ma ridhiex u ried jibaghtha lura.

Rat illi wara li ppremetta s-surreferit ir-rikorrenti talab lil dina l- Qorti sabiex:-

(1) Tordna lill-intimat Kontrollur tad-Dwana jirrilaxxa l-oggetti msemmija fin-Nota ta' Qbid *de quo* favur tieghu u dana a tenur tal-**artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta** u fir-rigward ta' dawk l-oggetti minnhom li ma jistghux jidhlu Malta, jhalli lill-esponenti jibaghthom lura minn fejn gew, u tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti dik is-somma li ghandha tigi stabbilita minn din il-Qorti, u li tkun tinkludi d-danni li sofra r-rikorrenti minhabba l-agir tal-intimat u s-somma ekwivalenti ghad-dazju li r-rikorrenti hallas lill-intimat fuq l-oggetti li jintbaghtu lura kif fuq inghad, previa okkorrendo d-dikjarazzjoni li l-intimat hu responsabbli ghad-danni msemmija.

Rat il-verbal tat-28 ta' Jannar 1992.

Rat li fir-risposta li l-intimat il-Kontrollur tad-Dwana pprezenta fit-28 ta' Jannar 1992 inghad illi:-

(1) Illi l-istess rikorrent mid-dokumentazzjoni relattiva kien jaf minn qabel li kellu jircievi tnejn u ghoxrin *item* u mhux biss zewg *items*.

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-Nota ta’ Qbid saret kif suppost fuq l-oggetti kollha u dan *ai termini* ta’ l-**artikoli 60 u 62 tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

(3) Illi waqt li mid-dokumentazzjoni jidher li l-oggetti kienu tnejn u ghoxrin (22) *kiddy rider machines*, irrizulta li tnejn (2) kienu biss hekk fil-fatt u l-kumplament *gambling machines* li ma setghux jigu mportati u l-ufficjali tad-Dwana mxew skond il-ligi.

Illi ghaldaqstant l-intimat Kontrollur tad-Dwana talab bir-rispett sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez.

Rat il-provi mressqa mill-kontendenti, id-dokumenti li esebew, u n-noti tal-osservazzjonijiet rispettivi taghhom.

Rat il-verbali tas-17 ta’ Frar 1992; tat-8 ta’ Mejju 1992 fejn il-Qorti laqghat it-talba tal-intimat Kontrollur tad-Dwana sabiex tissoprassjedi sakemm jigi deciz il-procediment kriminali fil-konfront tar-rikorrent; tal-14 ta’ Ottubru 1992; tat-13 ta’ Jannar 1993; tal-10 ta’ Marzu 1993; tat-28 ta’ April 1993; tas-27 ta’ Ottubru 1993; tat-12 ta’ Jannar 1994; tas-16 ta’ Frar 1994; tat-23 ta’ Mejju 1994; tat-23 ta’ Jannar 1995; tat-23 ta’ Ottubru 1995; tas-27 ta’ Mejju 1996; tas-27 ta’ Jannar 1997; tas-7 ta’ Mejju 1997; tal-24 ta’ Ottubru 1997; tal-11 ta’ Marzu 1998; tas-26 ta’ Ottubru 1998 fejn Dr. Pierre Lofaro ghar-rikorrenti nforma lill-Qorti li l-proceduri kriminali kellhom ezitu favorevoli u ghaldaqstant l-intimat kellu jirregola ruhu; tal-15 ta’ Frar 1999; tat-2 ta’ Gunju 1999; tal-15 ta’ Ottubru 1999; tas-6 ta’ Marzu 2000; tat-3 ta’ Mejju 2000; tal-4 ta’ Ottubru 2000 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; u tat-2 ta’ Novembru 2000 fejn inghata digriet affidavit tar-rikorrent b’terminu ta’ erbghin gurnata.

Rat in-nota tar-rikorrenti tal-11 ta’ Dicembru 2000 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota sussegwenti tal-Kontrollur tad-Dwana datata 29 ta' Dicembru 2000 fejn biha rriserva l-kontro-ezami tar-rikorrent wara li dan ipprezenta l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2001 fejn xehed Mario Mizzi u Dr. Pierre Lofaro ddikjara li m'ghandux provi aktar. Inghata digriet tal-affidavits tal-intimat b'terminu ta' erbghin gurnata.

Rat in-nota tal-Kontrollur tad-Dwana datata 2 ta' April 2001 li permezz taghha esebixxa l-affidavit ta' Carmelo Portelli, ta' John Grech u ta' Ignatius Azzopardi.

Rat il-verbal tat-12 ta' Gunju 2001; tas-16 ta' Ottubru 2001 fejn xehed Saviour Zammit.

Rat in-nota tal-Kontrollur tad-Dwana tal-24 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha esebixxa Estratt mit-Tariffa tad-Dwana applikabbli ghaz-zmien tal-kaz, u kopja tan-nota ta' qbid numru 40/1991.

Rat il-verbali tal-14 ta' Novembru 2001 fejn xehed John Said; tal-10 ta' Jannar 2002 fejn xehed Carmelo Portelli; u tas-7 ta' Frar 2002 fejn rega' xehed Carmelo Portelli. Fuq talba tad-difensuri l-Qorti pprefiggiet terminu ta' hamsa u erbghin (45) gurnata lir-rikorrent biex jipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu biex jirrispondi. Ir-rikors gie differit ghas-27 ta' Gunju 2002 ghas-sentenza.

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 20 ta' Marzu 2002, u dik tal-Kontrollur tad-Dwana tad-9 ta' Mejju 2002.

Rat il-verbal tas-27 ta' Gunju 2002, u dawk sussegwenti tat-12 ta' Dicembru 2002 u tas-27 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza u r-rikors thalla ghas-sentenza ghall-lum 269 ta' Mejju 2003.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

## (i) PROVI PRODOTTI.

Illi dina l-kawza tikkoncerna merkanzija li giet importata f'Malta mir-rikorrenti Joseph Said li giet konfiskata mill-intimat il-Kontrollur tad-Dwana permezz ta' Nota ta' Qbid numru 40/1991. Ir-raguni moghtija fuq in-Nota ta' Qbid ghal dina l-konfiska kienet is-segwenti:-

*"Billi l-importazzjoni ta' l-oggetti msemmija hija pprojbita jew ristretta u d-dazju fuqhom ma giex imhallas jew ikkawtelat qed jigi maqbud skon l-**artikolu 60 u 62 ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37".***

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-konsenja li r-rikorrenti kien iddikjara li kien qieghed jircievi suppost li kienet tikkonsisti fi tnejn u ghoxrin (22) *Kiddy Ride Machines*. Madankollu l-konsenja li waslet Malta kienet effettivament konsistenti fi (18) tmintax-il *gambling machine* u erba' (4) *video games* rikreazzjonali, u aktar precizament zewg (2) *amusement games* u zewg (2) *games.*

Illi jirrizulta wkoll li f'dak iz-zmien l-importazzjoni tal-*gambling machines* kienet legalment projbita filwaqt li jirrizulta li l-oggetti l-ohra kienu jikkonsistu f'magni ohra bhal *amusement games,* dawn setghu jigi mportat f'Malta pero' l-ebda wahda minnhom ma kienet giet dikjarata jew deskritta mir-rikorrenti bil-mod preciz, mentri l-istess rikorrenti jsostni li l-ebda wahda minnhom ma kienet kif ordnata minnu, tant li huwa stess jghid fl-affidavit tieghu li huwa ma riedx jaccetta din il-merkanzija ghaliex ma kenitx kif ordnata minnu.

Illi *nonostante* dan jirrizulta wkoll li huwa talab li l-istess oggetti jintabghu lura lill-fornitur, hlief ghal erba' (4) *video games* li kien talab li jigi awtorizzat jirrilaxxjhom u jhallas id-dazju fuqhom ghaliex dawn setghu jidhlu Malta.

Illi r-rikorrenti jallega li huwa ma kien jaf assolutament xejn dwar il-merkanzija li waslet Malta, u li dawn l-merkanzija kienet giet spedita bi zball mid-ditta estera minghand min kien ordna l-*kiddy machines*. Dan jinsab skond huwa

kkorroborat minn ittra bla ebda data (Dok. "X2" – a fol 71 tal-process) rilaxxjata mill-United Distributing Company, fornituri tal-istess merkanzija fejn jikkonfermaw li l-konsenja kienet intbaghtet hazin minnha.

Illi l-istess ittra fil-fatt tghid testwalment li:-

*"With regard to the recent consignment sent to you by Messrs … intage Shipping Co. we find that the wrong goods were shipped by mistake and we would ask you to make arrangements for their return".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li kien ir-rikorrenti nniffsu li nforma lill-ufficjali tad-Dwana li l-konsenja li kien ircieva kienet ghal kollox differenti minn dik li effetivament kienet giet ordnata. Ma huwiex kontestat li r-rikorrenti stqarr dan mal-Ufficjali tad-Dwana hekk kif ra l-oggetti ghadhom fil-*packing* taghhom, tant li dan jinsab ikkonfermat mix-xhieda ta' Carmel Meli, Ignatius Azzopardi u John Grech fl-atti tal-proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrenti, li kopja tax-xhieda taghhom giet annessa f'din il-kawza.

Illi jinghad ukoll li din il-verzjoni tar-rikorrenti giet ikkonfermata mix-xhieda prodotta f'din il-kawza wkoll permezz ta' l-istess imsemmi Ignatius Azzopardi, li meta sehh l-incident kien stazzjonat fl-ufficju tad-dwana f'Ricasoli. Fil-fatt mix-xhieda ta' Ignatius Azzopardi (a fol. 87) huwa jispjega li:-

*"Dakinhar tal-kaz, cjoe' fit-18 ta' April 1991, kont stazzjonat mal-'bond' tad-ditta Concorde biex naghti rilaxx tal-merkanzija. Waqt li kont qieghed naghti r-rilaxx lill-merkaznija ta' mportatur iehor, gie fuqi ragel li wara rrizulta li kien Joseph Said, u nfurmani li l-merkanzija li l-'bond operator' indikalu kienet tieghu, <u>fil-fatt ma kenitx tieghu</u>.* (sottolinejar tal-Qorti) *Dak il-hin kien hemm prezenti wkoll Carmelo Meli, 'security officer'. Meta staqsejnih kif gharaf li l-merkanzija ma hijiex tieghu, huwa wiegeb li gharafha mid-daqs"*.

Illi din l-verzjoni hija kkorroborata minn Joseph Grech (fol. 88) u Carmelo Portelli (fol. 109 *et. seq*), it-tnejn ufficjali tad-Dwana u fil-fatt f'din id-decizjoni qed issir riferenza ghall-istess xhieda.

Illi apparti dan jirrizulta wkoll li r-rikorrenti kien ghamel *customs entry* Numru 41813 datata 10 ta' April 1991 li turi li kellu jimporta Malta 22 *kiddy rides* (Dok. "A" – fol. 81), u ma hemm l-ebda dubju li din kienet il-merkanzija li giet iddikjarata mir-rikorrenti fid-dokumenti l-ohra kollha relattivi, tant li dan huwa kkonfermat wkoll mid-dokumenti esebiti minn Carmelo Portelli li dak iz-zmien kien *Inspector II Security mad-Dipartiment tad-Dwana,* liema dokumenti jinkludu wkoll *deposit note* u kopja tad-*delivery order* u fl-ahharnett *invoice* mill-United Distributing Company datata 20 ta' Marzu 1991 kollha relattivi ghall-istess *kiddy rides.*

Illi jirrizulta wkoll li mix-xhieda tal-istess Carmel Portelli fl-affidavit tieghu datat 7 ta' Marzu 2001 li d-Dwana f'Malta ghamlet kuntatt mad-Dwana Ingliza fejn jirrizulta li b'ittra esebita a fol. 86 tal-process id-Dwana Maltija giet informata mid-Dwana Ingliza bir-rizultat tal-investigazzjoni taghha u testwalment dan jghid hekk:-

*"With reference to your fax dated 22$^{nd}$ April 1991, we have visited the United Distributing Company (Coin Machine Sales) Ltd. and have ascertained the following.*

*Mr. J. Said placed a telephone order with the above company for two "Race Simulator" amusement machines.*

*Due to a misunderstanding, twenty-two machines were dispatched instead of the two originally ordered. Mr. Said contacted the United Distributing Company (Coin Machine Sales) Ltd. and asked them to give him permission to return the goods. This they did by way of fax that you have already seen.*

*Mr. Said paid the United Distributing Company (Coin Machine Sales) Ltd. the sum of 4275 pounds sterling. This*

*will be returned to him when the goods arrive back in the United Kingdom.*

*A formal report will be sent to you as soon as possible".*

Illi mix-xhieda ta' Carmelo Portelli tas-7 ta' Frar 2002 irrizulta wkoll li ghalkemm l-istess rikorrenti kien applika ghal 22 *kiddy rides*, fil-fatt meta giet Malta l-istess merkanzija kienet tikkonsisti fi tmintax (18) *gambling machines,* zewg *(2) amusement machines* u zewg *games,* b'dan li l-ahhar imsemmi oggetti li ma humiex identifikati bhala *gambling machines* fil-fatt ghandhom klassifikazzjoni differenti minn dik ta' *kiddy rides* sottomessi mill-istess rikorrenti fil-*customs entry* tieghu u kien ghalhekk li l-istess merkanzija ma gietx rilaxxata lill-istess rikorrenti u nharget l-istess Nota ta' Qbid fuq il-merkanzija mertu tal-procedura odjerna.

Illi huwa opportun li jinghad li r-rikorrenti fic-cirkostanzi kien esprima x-xewqa li jimporta xorta wahda l-*amusement machines* li kienu gew maqbuda billi jaghmel korrezzjoni fl-*entry* relattiva. Fil-fatt huwa kien anke lahaq ftehim mas-*supplier* sabiex jakkwista dawn l-magni li kienu gew mibghuta erronjament minnhom f'Malta. Izda lanqas dan ma gie accettat mill-Kontrollur tad-Dwana, proprju minhabba l-fatt li *l-entry* tar-rikorrenti ma kenitx tirrispekkja u tipprezenta l-oggetti li effettivament waslu Malta.

## (ii) APPREZZAMENT TAL- PROVI.

Illi fl-ewwel lok jinghad li l-istess Nota ta' Qbid irreferiet li l-istess merkanzija giet hekk maqbuda mill-Kontrollur tad-Dwana ghaliex l-istess merkanzija kellha l-importazzjoni taghha ristretta jew projbita u d-dazju fuqhom ma giex imhallas jew kawtelat skond u ghalhekk l-istess merkanzija giet maqbuda skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikoli 60 u 62 tal-Kap 37.**

Illi l-**artikolu 60 (1) (b)** jipprovdi li:-

*"Bla hsara ta' dak li jinghad espressament f'ligijiet ohra –*

*(b) jekk oggetti li taghhom hija projbita l-importazzjoni jigu importati jew imdahhlin f'xi parti ta' Malta;*

Illi fl-**artikolu 61 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta** jinghad li:-

*"Jekk fi zmien ta' l-ezami minn ufficjal tad-dwana xi oggetti jkunu jinsabu fi kwantita` aktar minn, <u>jew differenti minn, dawk li jkunu jidhru fuq il-fattura ta' l-esportatur jew li jkunu dikjarati mill-importatur</u> jew mill-agent tieghu, f'dan il-kaz, minkejja dak kollu li jinsab f'xi dispozizzjoni ohra tal-ligi, dawk l-oggetti li jinsabu zejda jew dawk l-oggetti differenti ghandhom jigu kkonfiskati u …"*

Illi madankollu, **is-subartikolu 2 tal-istess artikolu** fuq citat johloq is-segwenti eccezzjoni:-

*"Id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma ghandhomx jghoddu meta l-awtorita` kompetenti tkun sodisfatta li d-diskrepanza tkun grat minhabba fi zball genwin."*

Illi din il-Qorti fid-dawl ta' dawn il-provizzjonijiet hija tal-opinjoni li fir-rigward tal-*gambling machines* ma hemm l-ebda dubju li la darba l-importazzjoni tal-istess kienet ristretta l-Kontrollur tad-Dwana kien anke minhabba dak li jirrizulta fl-**artikolu 60 (1) (b) tal-Kap 37** gustifikat li jordna l-konfiska tal-istess, u dwar dan wiehed jirreferi wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona moghtija fis-17 ta' Awissu 1998 fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija (Spettur Alexandra Farrugia Mamo vs Joseph Said"** fejn ghalkemm illiberat lir-rikorrenti mil-akkuzi mighjuba kontra tieghu izda *ai termini* tal-**artikolu 60 (b) tal-Kap 37** ordnat il-konfiska tal-merkanzija ndikata bhala *"gambling machines"*.

Illi apparti dan jirrizulta wkoll li konsegwenza tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fuq citata li ghal dak li jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti in kwantu din tikkoncerna l-istess *gambling machines* li l-importazzjoni taghhom kienet f'dak

iz-zmien ristretta, peress li dawn gja gew kkonfiskati b'sentenza tal-Qorti kompetenti Kriminali, l-mertu dwar l-istess jinsab ezawriet u ghalhekk l-istess talba talba ma tistghax tigi akkolta fir-rigward tal-istess magni.

Illi ghar-rigward il-merkanzija l-ohra l-istess rikorrenti ddikjara permezz tal-affidavit tieghu datat 11 ta' Dicembru 2000 li *"llum m'inix interessat fl-erba' loghbiet li gejt imwieghed li stajt niehu peress li dawn huma skaduti u gew superati b'loghob aktar modern; dan apparti l-fatt li l-kundizzjoni taghhom bilfors iddeterjorat wara tant u tant snin".*

Illi fid-dawl tal-prmess jidher li l-istess attur ma huwiex qed jinsisti izjed fuq it-talba tieghu ghar-rilaxx tal-imsemmija oggetti ghat-tenur tal-istess **artikolu 72 tal-Kap 37,** izda din il-Qorti thoss li anke kieku l-istess rikorrenti baqa' jinsisti fuq it-talba tieghu din hija ma kienitx propensa li tilqa' l-istess talba, u dan peress li jidher li l-istess qbid tal-oggetti l-ohra fuq elenkati bhala *amusement machines* u *games* ma kienux korrettement deskritti mill-istess rikorrenti fl-entry tieghu, u dan kif adirittura huwa minnu ammess fl-affidavit tieghu fuq citat fejn l-istess rikorrenti qal li l-istess merkanzija ma kenitx dik effettivament ordnata minnu tant li lanqas ried ghall-ewwel jirtirha.

Illi fit-tieni lok jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-ufficjali tad-dwana fuq riferiti, li l-istess merkanizja ma kenitx tikkonsisti *f'kiddy rides* deskritti mill-istess rikorrenti, izda l-istess merkanzija kienet taqa' taht klassifikazzjoni ohra u ghalhekk kienet differenti minn dik deskritta mill-istess rikorrenti fil-*customs entry* tieghu, u ghalhekk anke f'dan ir-rigward jirrizulta  li l-istess Kontrollur tad-Dwana kien gustifikat li jordna li tinhareg Nota ta' Qbid fil-konfront tal-istess rimanenti oggetti.

Illi fl-ahharnett jirrizulta wkoll li dak li wassal lill-istess Kuntrollur tad-Dwana li johrog tali Nota ta' Qbid anke ghall-istess imsemmija erba' oggetti li ma kienux *gambling machines Qorti* allavolja l-istess magni ma kellhomx l-importazzjoni taghhom ristretta jew projbita kienet il-korrispondenza li l-istess Awtoritajiet tad-Dwana rcevew

mid-Dwana Ingliza fejn kontrarjament ghal dak li allega r-rikorrenti fir-rikors tieghu, huwa fil-fatt kien ordna *"two race simulator amusement arcade machines"* u dawn huma fil-fatt differenti mill-*kiddy rides* inkluzi fl-*entry* relattiva tal-istess rikorrenti, b'dan li konsegwenza tal-istess l-istess Kontrollur tad-Dwana iddecieda li tali zball fl-*entry* ma kienx zball genwin skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 61 (2) tal-Kap 61,** decizjoni li skond l-**artikolu 61 (3)** tispetta lill-istess Kontrollur tad-Dwana bhala l-awtorita' kompetenti.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi kollha din il-Qorti thoss li n-Nota ta' Qbid tal-intimat inharget skond il-ligi u l-oggetti hemm indikati kellhom u fil-fatt gew soggetti ghal tali Nota ta' Qbid skond id-disposizzjoni relattivi tal-istess **Kap 37** inkluzi dawk fuq citati, ghalkemm tali konkluzjoni hija wkoll akkademika *stante* li r-rikorrenti diversi drabi waqt dawn il-proceduri ddikjara li ma huwiex interessat fir-rilaxx tal-istess oggetti, anke jekk formalment huwa bl-ebda mod ma ceda tali parti mit-talba tieghu.

Illi ghalhekk abbazi ta' din il-konkluzjoni jsegwi li l-komplament tat-talba tal-istess rikorrenti ma tistghax lanqas tigi milqugha *stante* li l-istess Kontrollur tad-Dwana ma mexa bl-ebda mod abbuziv fil-konfront tal-istess rikorrenti; pero' jinghad li fl-opinjoni ta' din il-Qorti jekk wiehed jezamina l-portata tal-**artikoli 72, 73 u 74 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta** ma jirrizultax li tali talba hija proponibbli taht din il-procedura specjali abbazi tal-imsemmi **Kap 37.**

Illi fil-fatt l-**artikolu 73 tal-Kap 37** jipprovdi li:-

***73.*** *(1) Meta xi persuna tkun tixtieq tharrek f'xi qorti bhala konsegwenza ta', jew incidentalment ghal, il-qbid ta' xi oggetti taht id-dispozizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, il-procedimenti ghandhom jinbdew b'rikors.*

*(2) Ir-rikors ghandu, taht piena ta' nullità, jghid b'mod car u fil-qosor ix-xorta ta' l-ilment, il-fatti li minnhom jinqala' l-ilment, ir-ragunijiet ghaliex dak l-ilment ghandu jintlaqa', u t-talba ghall- helsien ta' l-oggetti maqbuda.*

Illi hawn il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-intimat illi l-ghan u l-iskop ta’ dawn il-proceduri specjali taht id-dispozizzjonijiet tal-**Kap 37** huwa biss li jintalab ir-rilaxx tal-oggetti maqbuda u ma jinkludux talba ghall-hlas tad-danni. L-istess parti il-ligi fuq citata taghmilha cara u ovvja li t-talba tar-rikors ghandha tkun biss dik ghall-helsien tal-oggetti maqbuda.

Illi ghalhekk r-rikors tar-rikorrenti ghandhu jigi michud bl-ispejjez.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddecidi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat fir-risposta tieghu tat-28 ta’ Jannar 1992, **tichad it-talbiet tar-rikorrenti fir-rikors tieghu tat-8 ta’ Jannar 1992,** *stante* li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**